Driving Innovation in Crisis Management for European Resilience

# INNOVAZZJONI GĦALL-IMMANIĠĠJAR TA' KRIŻIJIET MINN DRIVER+

## SKOPRI R-RIŻULTATI TAGĦNA

Dan il-proġett irċieva finanzjament mis-Seba' Programm Kwadru tal-Unjoni Ewropea għall-attivitajiet ta' Riċerka, ta' Żvilupp Teknoloġiku u ta' Dimostrazzjoni taħt il-Ftehim ta' Għotja Nru 607798

driver-project.eu

# DWAR DRIVER+

## PROĠETT EWROPEW BIEX IMEXXI L-INNOVAZZJONI FL-IMMANIĠĠJAR TA' KRIŻIJIET

L-iskala u r-rata ta' kriżijiet joħolqu sfidi enormi għall-komunità tal-immaniġġjar ta' kriżijiet, b'theddidiet ġodda jiżviluppaw il-ħin kollu. Qasam li huwa diġà kumpless irid jistinka biex jintegra teknoloġiji u metodi ġodda; ikampa b'infrastruttura li qiegħda tinbidel b'mod rapidu; jifhem ir-riskji li dejjem jevolvu; ikun effettiv matul limiti kulturali, amministrattivi u nazzjonali kif ukoll jinteraġixxi mal-popolazzjonijiet biex itejjeb ir-reżiljenza tagħhom.

F'dan il-kuntest, l-innovazzjoni fl-immaniġġjar ta' kriżijiet trid tkun kapaċi tissodisfa dawn l-isfidi b'diversi wċuħ u tagħti soluzzjonijiet li jkunu modulari, flessibbli u adattabbli. Dawn is-soluzzjonijiet iridu jiġu ttestjati u vvalidati f'ambjenti realistiċi; dawn iridu jiġu evalwati wkoll biex jiġu vvalutati l-valur miżjud reali u l-idoneità globali tagħhom qabel l-adozzjoni minn prattikanti. Jekk dawn il-ħtiġijiet ma jiġux issodisfati, dan jista' jirriżulta fl-introduzzjoni ta' soluzzjonijiet mhux perfetti u jżid l-ispiża tal-iżvilupp tal-kapaċitajiet.




F'Mejju 2014, konsorzju ta' partijiet interessati – organizzazzjonijiet tal-prattikanti, istituti tar-riċerka, industriji u SMEs iddedikati — ingħaqdu flimkien biex jappoġġjaw lill-Unjoni Ewropea biex tindirizza din il-kwistjoni. Sa Ġunju 2020, l-għan tal-proġett DRIVER+, iffinanzjat taħt is-Seba' Programm Kwadru tal-Unjoni Ewropea, huwa li jaċċellera l-iżvilupp tal-kapaċitajiet u l-innovazzjoni fl-immaniġġjar ta' kriżijiet billi jagħti ħames outputs sostenibbli lill-komunità Ewropea tal-immaniġġjar ta' kriżijiet:

It-**Trial Guidance Methodology** (TGM) torganizza l-valutazzjoni ta' soluzzjonijiet ta' mmaniġġjar ta' kriżijiet permezz ta' Trials. Din tikkonsisti fi tliet fażijiet distinti iżda konnessi: id-disinn tat-Trial jew *il-fażi ta' preparazzjoni*; il-ġbir ta' data jew *il-fażi ta' eżekuzzjoni* u, finalment, il-valutazzjoni u l-analiżi tad-data jew *il-fażi ta' evalwazzjoni.*

It-**Test-bed Technical Infrastructure** (TTI) hija l-bażi tat-Trial Guidance Methodology billi tikkonnettja soluzzjonijiet biex tippermetti l-iskambju ta' informazzjoni u l-kooperazzjoni għall-finijiet tat-twettiq tat-Trials. Din tistimola wkoll ambjent ta' kriżi li jista' jiġi kkontrollat mill-organizzatur tat-Trial.




Il-**Portfolio of Solutions** jikkataloga soluzzjonijiet innovattivi ta' mmaniġġjar ta' kriżijiet f'livelli differenti ta' tħejjija tat-teknoloġija skont tassonomija strutturata tajjeb ta' funzjonijiet u gaps ta' mmaniġġjar ta' kriżijiet. L-organizzazzjonijiet tal-immaniġġjar ta' kriżijiet li jkunu wettqu Trials bl-użu tat-TGM u t-TTI jistgħu jikkontribwixxu l-valutazzjonijiet tagħhom.

**Netwerk ta' Centres of Expertise** jappoġġja lil organizzazzjonijiet tal-prattikanti fl-użu tat-Trial Guidance Methodology u t-Test-bed Technical Infrastructure DRIVER+. Dawn is-Centres jistgħu jadattaw u jaġġornaw it-TGM u t-TTI u jsostnu b'mod konġunt il-kwalità u l-applikabbiltà ta' dawn l-outputs.

Il-**Crisis Management Innovation Network Europe** (CMINE) itejjeb il-fehim kondiviż tal-immaniġġjar ta' kriżijiet fl-Ewropa. Pjattaforma online tipprovdi post komuni fejn il-professjonisti tal-immaniġġjar ta' kriżijiet minn madwar l-Ewropa kollha jkunu jistgħu jaqsmu informazzjoni, jiddiskutu l-aktar kwistjonijiet urġenti fil-qasam tagħhom, joħolqu netwerk u jorganizzaw laqgħat u avvenimenti wiċċ imb wiċċ.

TGM
Trial Guidance Methodology

# TRIAL GUIDANCE METHODOLOGY

## APPROĊĊ STRUTTURAT BIEX JIĠU VVALUTATI SOLUZZJONIJIET INNOVATTIVI FL-IMMANIĠĠJAR TA' KRIŻIJIET

# X'INHU ?

Ħafna soluzzjonijiet innovattivi differenti huma disponibbli biex jindirizzaw il-ħtiġijiet speċifiċi involuti fit-titjib tal-immaniġġjar ta' kriżijiet. Qabel ma tinvesti l-ħin u l-flus biex tidentifika liema soluzzjoni ser tissodisfa l-ħtiġijiet tiegħek bl-aħjar mod, forsi tixtieq tivvalutahom f'kuntest mhux operazzjonali, bħal fi Trial. Il-proġett DRIVER+ żviluppa metodoloġija strutturata msejħa Trial Guidance Methodology (TGM) biex tgħinek tagħmel dan.

It-TGM tikkonsisti fi tliet fażijiet distinti, iżda konnessi:




**Fażi ta' preparazzjoni:** L-għan ta' din il-fażi huwa li tiddisinja t-Trial tiegħek. Id-disinn isegwi approċċ iterattiv u mhux lineari ta' sitt passi. Dan jibda bl-identifikazzjoni tal-għanijiet u l-formulazzjoni tal-mistoqsijiet tar-riċerka. Fit-Trial, għandek tipprova tindirizza l-mistoqsijiet permezz ta' pjan xieraq ta' ġbir ta' data kif ukoll permezz ta' approċċi u metriki ta' evalwazzjoni biex tanalizza d-data miġbura matul it-Trial tiegħek. Biex tagħmel dan, trid tiżviluppa xenarji realistiċi u s-soluzzjonijiet li għandhom jiġu pprovati jridu jintgħażlu biex tidentifika jekk dawn jistgħux ikunu innovattivi.

**Fażi ta' eżekuzzjoni:** Din il-fażi hija ferm aktar mis-sempliċi Trial innifsu. Qabel ma tasal hemm, jeħtieġ li tiċċekkja jekk għandekx dak kollu li teħtieġ biex tiġbor id-data rilevanti. Wara li tiċċekkja u tittestja, tkun lest biex twettaq it-Trial tiegħek.

**Fażi ta' evalwazzjoni:** Din il-fażi tammonta għal valutazzjoni sistematika tal-valur miżjud potenzjali tas-soluzzjonijiet li ġew ipprovati. Meta ssir l-analiżi, tkun lest biex tiġbor ir-riżultati fil-qosor, tipprovdi evidenza dwar l-impatt tas-soluzzjonijiet u tqassam ir-riżultati fi ħdan il-komunità tiegħek u lil hinn minnha.

It-TGM tagħti linji gwida pass pass biex twettaq valutazzjoni robusta tas-soluzzjonijiet permezz ta' rakkomandazzjonijiet mill-fażi ta' preparazzjoni sal-evalwazzjoni tar-riżultati.

Biex tiġi appoġġjata l-applikazzjoni tat-TGM, ġew żviluppati żewġ komponenti addizzjonali. It-**Trial Guidance Tool (TGT)** tappoġġja l-applikazzjoni tat-TGM permezz ta' għodda ta' software, filwaqt li t-**Training Module (TM)** jipprovdi pakkett ta' taħriġ sħiħ permezz ta' moduli ta' tagħlim elettroniku u sessjonijiet ta' ħidma wiċċ imb wiċċ. Minħabba l-potenzjal sinifikanti ta' standardizzazzjoni, it-TGM hija soġġetta għal Ftehim tas-Sessjoni ta' Ħidma tal-Kumitat Ewropew għall-Istandardizzazzjoni (CEN).

# GĦAL MIN HU?

It-TGM hija ddisinjata b'mod speċifiku għal:

**Prattikanti tal-immaniġġjar ta' kriżijiet** li identifikaw gap waħda jew aktar, jew għandhom f'moħħhom soluzzjonijiet li jistgħu jindirizzaw dawn il-gaps

**Professjonisti**, li huma responsabbli mir-riċerka u l-innovazzjoni, pereżempju f'dipartiment tal-innovazzjoni ta' organizzazzjoni tal-immaniġġjar ta' kriżijiet

Id-disinn ta' Trial bl-użu tat-TGM huwa sforz kollaborattiv li jinvolvi lil diversi partijiet interessati fi proċess ta' kokreazzjoni. Partijiet interessati oħra jistgħu jinkludu fornituri ta' soluzzjonijiet, organizzazzjonijiet ta' R&D, universitajiet u organizzazzjonijiet ta' konsulenza.




# X'INHU L-VALUR MIŻJUD?

Bl-għajnuna tat-TGM, inti tista' tivvaluta l-impatt potenzjali ta' bidla miġjuba minn soluzzjoni fuq l-istabbiliment soċjotekniku ta' organizzazzjoni tal-immaniġġjar ta' kriżijiet. L-organizzazzjonijiet tal-immaniġġjar ta' kriżijiet ħafna drabi jaffaċċjaw diffikultajiet fil-valutazzjoni tal-impatt u l-benefiċċji potenzjali ta' soluzzjonijiet ġodda. L-investimenti f'soluzzjonijiet ġodda, iżda mhux xierqa mil-lat soċjotekniku mhux talli jipproduċu spejjeż sinifikanti, talli jista' jkollhom ukoll impatt negattiv fuq il-prestazzjoni operazzjonali tal-organizzazzjonijiet ta' rispons. It-TGM ġiet kożviluppata u ttestjata f'diversi Trials ma' organizzazzjonijiet tal-prattikanti, organizzazzjonijiet tar-riċerka u fornituri ta' soluzzjonijiet. Din saret metodoloġija robusta biex tevalwa soluzzjonijiet innovattivi.

Niżżel l-aħħar verżjoni tal-Manwal
dwar it-TGM fuq:

**https://tgm.ercis.org**

Jekk għandek xi mistoqsijiet, jekk jogħġbok ikkuntattjana fuq **tgm@ercis.org**

# TEST-BED TECHNICAL INFRASTRUCTURE

## SETT TA' GĦODOD LI JIFFAĊILITA L-VALUTAZZJONI TA' SOLUZZJONIJIET INNOVATTIVI FL-IMMANIĠĠJAR TA' KRIŻIJIET

# X'INHU?

Bħala professjonist tal-immaniġġjar ta' kriżijiet, għandek bżonn issib soluzzjoni għal gap li esperjenzajt matul operazzjonijiet, jew forsi, tipprevedi ħtieġa emerġenti? It-Test-bed Technical Infrastructure tipprovdi sett ta' għodod biex soluzzjonijiet innovattivi ta' mmaniġġjar ta' kriżijiet jikkonnettjaw ma' xulxin u mas-sistema miruta tiegħek, biex tippermetti skambju ta' informazzjoni bejniethom. Dan jissejjaħ il-Common Information Space. Barra minn hekk, jistgħu jiġu konnessi simulaturi differenti biex jinħoloq ambjent ta' kriżi realistiku għalik biex tipprova soluzzjoni ġdida. Aħna nsejħulu l-Common Simulation Space. Dan jippermettilek toħloq ambjent realistiku fejn tista' tipprova soluzzjonijiet b'mod strutturat u sistematiku skont it-Trial Guidance Methodology.




Din l-infrastruttura teknika, li hija bla ħlas u b'sors miftuħ, tikkonsisti f'diversi komponenti ta' software biex tiffaċilita l-preparazzjoni, l-eżekuzzjoni u l-evalwazzjoni ta' Trial:

- Tikkonnettja soluzzjonijiet għal skambju ta' data u informazzjoni
- Tikkonnettja simulaturi biex toħloq kriżi fittizja, iżda realistika
- Toħloq u tikkontrolla t-trami tax-xenarju
- Tirrekordja u tiġbor osservazzjonijiet u logs

1. It-Trial jibda: it-trami huma attivati, u l-kriżi fittizja tevolvi.
2. Is-simulaturi jipproċessaw it-trami u azzjonijiet addizzjonal tintbagħat lis-Soluzzjonijiet.
3. Il-parteċipanti jużaw is-Soluzzjonijiet u jdaħħlu informa tas-simulatur, jaqsmu informazzjoni, u jitolbu azzjoniji
4. L-osservaturi joħolqu osservazzjonijiet, li jiġu kondi
5. It-Trial jispiċċa u l-logs u l-osservazzjonijiet kollha

It-Test-bed Technical Infrastructure tista' tappoġġjak ukoll biex ittejjeb il-kwalità u r-realiżmu tat-taħriġ u l-eżerċizzji tiegħek.

Bħalissa għaddejja Sessjoni ta' Ħidma tal-Kumitat Ewropew għall-Istandardizzazzjoni (CEN) - Building a Common Simulation Space - biex jiġi ddefinit il-qafas ta' infrastruttura teknika għall-konnessjoni tas-simulaturi.

# GĦAL MIN HU?

Kwalunkwe organizzazzjoni li tixtieq tappoġġja u twettaq Trials biex tittestja soluzzjonijiet ġodda ta' mmaniġġjar ta' kriżijiet, jew biex tiffaċilita taħriġ realistiku tista' tuża dan is-sett ta' għodod. Iċ-ċentri ta' taħriġ, iċ-ċentri ta' għarfien tal-prattikanti, l-akkademji tal-immaniġġjar ta' kriżijiet, u l-istituzzjonijiet ta' riċerka u żvilupp kollha jistgħu jibbenefikaw.

Il-fornituri ta' soluzzjonijiet ġodda jistgħu jittestjaw l-innovazzjonijiet tagħhom f'ambjent realistiku u jiksbu feedback sinifikanti dwar il-prodotti tagħhom minn klijenti potenzjali.




Biex jiġi appoġġjat l-użu tat-TTI, ġie żviluppat Training Module (TM) li jipprovdi edukazzjoni, prattika u assenjamenti permezz ta' tagħlim elettroniku u ta' sessjonijiet ta' ħidma wiċċ imb wiċċ. Minbarra l-ispjega teknika, dan il-kors ikopri l-aspetti kollha ta' organizzazzjoni ta' Trial u huwa mmirat lejn l-organizzaturi tat-Trial, il-fornituri ta' soluzzjonijiet u l-esperti tekniċi. It-TM jingħata bħala pakkett ta' taħriġ sħiħ, li jfisser li jista' jiġi organizzat minn diversi Centres of Expertise madwar l-Ewropa.

# X'INHU L-VALUR MIŻJUD?

It-Test-bed Technical Infrastructure tippermetti l-integrazzjoni ta' diversi soluzzjonijiet, simulaturi, immaniġġjar ta' Trial kif ukoll għodod ta' osservazzjoni fi pjattaforma komuni għall-iskambju ta' informazzjoni u l-kooperazzjoni. It-Trials huma ddisinjati bl-applikazzjoni tat-Trial Guidance Methodology, filwaqt li t-TTI toħloq l-ambjent realistiku u kontrollabbli ta' Trial. Dan l-appoġġ metodoloġiku u tekniku jgħin lill-organizzazzjonijiet tal-immaniġġjar ta' kriżijiet jevitaw li jonfqu ammont kbir ta' flus fix-xiri u fl-implimentazzjoni ta' soluzzjonijiet li eventwalment ftit li xejn ikollhom valur miżjud.

L-organizzazzjonijiet jistgħu jikkontribwixxu wkoll fit-titjib tal-ħiliet u fit-taħriġ ta' professjonisti tal-immaniġġjar ta' kriżijiet bl-użu tat-TTI flimkien ma' għodod u sistemi eżistenti. L-inklużjoni ta' dawn is-sistemi operazzjonali tipprovdi ambjent ta' taħriġ ta' fedeltà għolja, u b'hekk il-persunal tal-immaniġġjar ta' kriżijiet jista' jikseb esperjenza ta' valur u jkun ippreparat aħjar biex jittratta sitwazzjonijiet imprevisti matul kriżijiet jew inċidenti reali.

Vidjo animat li juri t-Test-bed Technical Infrastructure jista' jinsab fuq:

**https://youtu.be/rn1bxl53fpk**

**Tista' ssib animazzjoni b'tagħrif eżistenti aktar tekniku hawnhekk:**
https://youtu.be/GI0RtSE5Tco

**Tista' ssib deskrizzjoni aktar dettaljata tat-Test-bed Technical Infrastructure hawnhekk:**
https://github.com/DRIVER-EU/test-bed-design

Jekk għandek xi mistoqsijiet, jekk jogħġbok ikkuntattjana fuq

*Erik Vullings* – **erik.vullings@tno.nl**
*Thomas Obritzhauser* – **thomas.obritzhauser@frequentis.com**
*Steven van Campen* – **vancampen@xvrsim.com**

PoS
Portfolio of Solutions

# PORTFOLIO OF SOLUTIONS

## KATALGU ONLINE BIEX TAĊĊESSA INFORMAZZJONI DWAR SOLUZZJONIJIET INNOVATTIVI GĦALL-IMMANIĠĠJAR TA' KRIŻIJIET

# X'INHU?

Il-Portfolio of Solutions (PoS) huwa repożitorju tal-ogħla livell li jipprovdi ħarsa ġenerali ta' soluzzjonijiet innovattivi għall-immaniġġjar ta' kriżijiet. Il-PoS huwa miftuħ għall-partijiet interessati kollha. Il-PoS huwa online, b'sors miftuħ u interattiv, u jqabbel soluzzjonijiet disponibbli (provvista) mal-ħtiġijiet tal-prattikanti (domanda).

Għal kull soluzzjoni, il-prattikanti jistgħu jaqsmu l-esperjenzi tal-utent tagħhom u l-fornituri ta' soluzzjonijiet jistgħu jagħtu informazzjoni ġenerali u joffru appoġġ. Il-PoS għaldaqstant jgħin lill-prattikanti jiddeċiedu dwar jekk soluzzjoni tistax tkun utli għalihom u jipprovdi appoġġ għall-implimentazzjoni u t-tnedija tas-soluzzjonijiet elenkati.

Il-PoS huwa pjattaforma ħajja fejn jistgħu jiżdiedu soluzzjonijiet ġodda u tiġi aġġornata l-informazzjoni fi kwalunkwe ħin. Illum, il-PoS fih soluzzjonijiet li ġew ivvalutati fi ħdan il-proġett DRIVER+ kif ukoll soluzzjonijiet oħra ta' partijiet terzi.

Inti tista' tfittex faċilment is-soluzzjonijiet kollha disponibbli fi ħdan il-PoS billi tuża diversi filtri bħal pereżempju l-fażi taċ-ċiklu tal-kriżi, l-istadju tal-innovazzjoni, il-gaps fl-immaniġġjar ta' kriżijiet, it-tip u d-daqs ta' kriżi.

Il-PoS bħalissa qiegħed jiġi espandut u għandu l-ambizzjoni li jsir il-pjattaforma ewlenija għas-soluzzjonijiet ta' mmaniġġjar ta' kriżijiet fl-Ewropa.

Tagħlimiet identifikati
Gaps indirizzati
Database ta' għarfien

ESPERJEN

*Post kondiviż fejn il-partiji*
*interessati jiltaqgħu madw*
*soluzzjonijiet*

# GĦAL MIN HU?

Bħala professjonist tal-immaniġġjar ta' kriżijiet, għandek bżonn timla gap li esperjenzajt matul operazzjonijiet, jew tipprevedi ħtieġa emerġenti? Tixtieq tfittex fis-suq tendenzi u offerti ta' kapaċitajiet ġodda? Jista' jkun hemm diġà soluzzjoni innovattiva disponibbli għalik fil-Portfolio of Solutions.

Inti fornitur ta' soluzzjonijiet li qed tfittex li ttejjeb il-viżibbiltà tas-soluzzjonijiet tiegħek u ssir taf lill-klijenti tiegħek aħjar? Il-PoS jagħtik l-opportunità li turi s-soluzzjonijiet tiegħek u tirċievi feedback dirett mill-komunità fil-mira tiegħek.

SOLUZZJON

Funzjonijiet ta' Mmani
Livell ta' Tħejjija tat-Te
Stadju tal-Innovazzjon

# X'INHU L-VALUR MIŻJUD?

**Il-prattikanti** jistgħu jesploraw soluzzjonijiet innovattivi ta' mmaniġġjar ta' kriżijiet kemm disponibbli kif ukoll emerġenti u jitgħallmu liema minnhom ikopru l-ħtiġijiet tagħhom. M'għandhomx għalfejn jistrieħu biss fuq l-informazzjoni tal-fornituri ta' soluzzjonijiet iżda jieħdu feedback mill-pari tagħhom ukoll.

**Il-fornituri ta' soluzzjonijiet** jistgħu jużaw il-Portfolio of Solutions biex juru s-soluzzjonijiet tagħhom. B'mod partikolari, fornituri ta' soluzzjonijiet iżgħar u niċċa jistgħu jibbenefikaw minn din l-opportunità, peress li mhuwiex meħtieġ baġit kbir għall-marketing biex tinkiseb viżibbiltà permezz tal-PoS. Il-PoS għaldaqstant jgħin lill-fornituri jegħlbu l-ostakoli ta' suq ifframmentat tal-immaniġġjar ta' kriżijiet, billi jippermettilhom jimmiraw is-soluzzjonijiet tagħhom b'mod dirett lejn il-komunità tal-prattikanti.

**Il-komunità tar-riċerka** tista' tuża l-PoS biex tistudja soluzzjonijiet disponibbli u tifhem gaps speċifiċi li għandhom jiġu indirizzati permezz ta' aktar riċerka. Il-preżenza ta' atturi iżgħar u niċċa għandha valur partikolari, peress li dawn l-atturi u s-soluzzjonijiet tagħhom huma tipikament sottorappreżentati fl-avvenimenti prinċipali tal-industrija.

Billi jagħmilha aktar faċli biex jiġu adottati soluzzjonijiet ġodda u innovattivi, il-PoS jikkontribwixxi għal fehim kondiviż tal-immaniġġjar ta' kriżijiet u trattament aħjar ta' sitwazzjonijiet ta' kriżi madwar l-Ewropa u lil hinn minnha.



Fittex soluzzjonijiet innovattivi,
jew żid soluzzjoni inti stess fuq:

**https://pos.driver-project.eu/en**

**Tista' ssib informazzjoni aktar teknika hawnhekk:**
https://github.com/DRIVER-EU/PoS

Jekk għandek xi mistoqsijiet, jekk jogħġbok ikkuntattjana fuq
*Denis Havlik* – **denis.havlik@ait.ac.at**
*Georg Neubauer* – **georg.neubauer@ait.ac.at**

Fostering Innovation in Crisis Management

# CRISIS MANAGEMENT INNOVATION NETWORK EUROPE

## KOMUNITÀ TA' PRATTIKA BIEX TIĠI MRAWMA L-INNOVAZZJONI FL-IMMANIĠĠJAR TA' KRIŻIJIET U FIT-TNAQQIS TAR-RISKJU TA' DIŻASTRI

# X'INHU?

Il-Crisis Management Innovation Network Europe (CMINE) huwa komunità ta' prattika li trawwem l-innovazzjoni u ttejjeb fehim kondiviż fl-oqsma tal-immaniġġjar ta' kriżijiet u tat-tnaqqis tar-riskju ta' diżastri fl-Ewropa. Is-CMINE qiegħed joħloq netwerk umbrella ta' partijiet interessati attivi fl-immaniġġjar ta' kriżijiet billi jgħaqqad proġetti, netwerks u inizjattivi eżistenti. Billi jagħmel dan, is-CMINE jnaqqas il-frammentazzjoni, jiġġenera ideat u jgħin fl-identifikazzjoni ta' soluzzjonijiet innovattivi biex titjieb ir-reżiljenza Ewropea.

Is-CMINE huwa magħmul minn pjattaforma ta' komunità online u laqgħat u sessjonijiet ta' ħidma wiċċ imb wiċċ bl-għan li jindirizza sfidi attwali u futuri u jiffaċilita l-parteċipazzjoni fir-riċerka u l-innovazzjoni mill-organizzazzjonijiet tal-prattikanti. Ġew stabbiliti gruppi ta' ħidma differenti sabiex jiżviluppaw approċċi mmirati lejn ir-riżoluzzjoni ta' kwistjonijiet attwali f'diversi oqsma tal-immaniġġjar ta' kriżijiet, bħal għargħar, nirien fil-foresti jew immaniġġjar tal-voluntiera.

Is-CMINE huwa ddisinjat biex jevolvi b'mod kontinwu permezz ta' kollaborazzjoni bl-għan li jsir pjattaforma pan-Ewropea, li tkun iffokata fuq l-iskambji bejn id-diversi professjonisti tal-immaniġġjar ta' kriżijiet.



# GĦAL MIN HU?

Is-CMINE jiġbor flimkien grupp varjat ta' partijiet interessati li normalment ma jinteraġixxux ma' xulxin fuq bażi regolari. Dan jinkludi lil dawk li jfasslu l-politika, prattikanti, membri tas-settur privat, NGOs u rappreżentanti tax-xjenza u r-riċerka, it-taħriġ u l-eżerċizzju, il-midja u l-istandardizzazzjoni.

# X’INHU L-VALUR MIŻJUD?



Is-CMINE joffri lill-membri tiegħu ambjent online u offline biex jinteraġixxu b’mod attiv ma’ professjonisti oħra tal-immaniġġjar ta’ kriżijiet. Il-prinċipji gwida u l-ambizzjonijiet tiegħu huma li:

**Isir pjattaforma għall-innovazzjoni fl-immaniġġjar ta’ kriżijiet fl-Ewropa:** Aqsam u skopri informazzjoni ewlenija bħal riżultati ta’ proġetti ta’ riċerka u soluzzjonijiet l-aktar avvanzati ta’ mmaniġġjar ta’ kriżijiet u ibqa’ aġġornat/a dwar l-aħbarijiet u l-avvenimenti ta’ mmaniġġjar ta’ kriżijiet

**Irawwem interazzjoni transettorjali u bejn diversi partijiet interessati:** Ingħaqad ma’ grupp varjat ta’ partijiet interessati attivi fl-immaniġġjar ta’ kriżijiet, aqsam l-għarfien, iġġenera ideat u aħdmu flimkien biex issolvu sfidi attwali u futuri

**Jinteraġixxi mal-komunità professjonali:** ibda u pparteċipa f’diskussjonijiet dwar l-aħħar żviluppi u t-tendenzi futuri f’oqsma differenti tal-immaniġġjar ta’ kriżijiet, bħal nirien fil-foresti jew għargħar

**Jipprovdi opportunitajiet ta’ viżibbiltà u netwerking għall-komunità tal-immaniġġjar ta’ kriżijiet:** Uri r-riżultati tiegħek (proġetti kemm iffinanzjati mill-UE kif ukoll ta’ riċerka nazzjonali) biex iżżid il-viżibbiltà, filwaqt li tespandi n-netwerks tiegħek permezz tad-database ta’ esperti tagħna

Ingħaqad mal-komunità u sir parti minn din l-inizjattiva qawwija

**www.cmine.eu**

Jekk għandek xi mistoqsijiet, jekk jogħġbok ikkuntattjana fuq Resilience Advisors Network

**cmine@resilienceadvisors.eu**

Centre of Expertise

# CENTRES OF EXPERTISE

## FORNITURI TA' SERVIZZI LI JADOTTAW OUTPUTS DRIVER+ BIEX ITEJBU L-IŻVILUPP TAL-KAPAĊITAJIET U L-IMMANIĠĠJAR TAL-INNOVAZZJONI TA' PRATTIKANTI TAL-IMMANIĠĠJAR TA' KRIŻIJIET

# X'INHU?

Centre of Expertise (CoE) huwa organizzazzjoni li topera fil-qasam tal-immaniġġjar ta' kriżijiet u t-tnaqqis tar-riskju ta' diżastri li taġixxi bħala l-punt ta' kuntatt primarju għall-organizzazzjonijiet tal-prattikanti fil-livell nazzjonali jew reġjonali, filwaqt li tappoġġja l-iżvilupp tal-kapaċitajiet u l-immaniġġjar tal-innovazzjoni tagħhom. CoE jitqies bħala adottant finali u maniġer tas-servizz ta' prodotti DRIVER+. Dan jista' jagħżel li jadotta l-firxa sħiħa ta' outputs DRIVER+ jew xi wħud biss mill-komponenti tiegħu. Dawn ser jiżguraw li organizzazzjonijiet oħra tal-immaniġġjar ta' kriżijiet ikollhom aċċess faċli għall-prodotti u ser jipprovdu gwida u appoġġ dwar kif jintużaw.




CoE huwa liberu li jippersonalizza u jadatta l-outputs DRIVER+ għall-ħtiġijiet, iċ-ċirkustanzi u l-kapaċitajiet lokali jew nazzjonali. Dan iżomm u jaġġorna wkoll l-outputs u jiskambja tagħlimiet meħuda bejn Centres of Expertise oħra fid-diversi Stati Membri Ewropej. B'dan il-mod, is-CoEs isiru parti minn netwerk pan-Ewropew.




# GĦAL MIN HU?

L-organizzazzjonijiet li diġà għandhom rwol fl-iżvilupp tal-kapaċitajiet u/jew fl-immaniġġjar tal-innovazzjoni ta' organizzazzjonijiet tal-prattikanti huma f'pożizzjoni tajba sabiex jadottaw outputs DRIVER+ u jsiru Centre of Expertise. Dawn jistgħu jkunu ċentri ta' taħriġ nazzjonali jew reġjonali, akkademji tal-immaniġġjar ta' kriżijiet u ċentri ta' għarfien għal tipi ta' kriżijiet speċifiċi bħal nirien fil-foresti. Dawn jistgħu jkopru firxa wiesgħa ta' aspetti ta' mmaniġġjar ta' kriżijiet jew jiffokaw fuq suġġett speċifiku bħall-użu ta' droni jew it-taħriġ ta' pumpiera.
CoE huwa organizzazzjoni ffokata fuq il-prattikanti li għandha relazzjonijiet mill-qrib mal-organizzazzjonijiet tar-riċerka (applikata), fornituri ta' soluzzjonijiet u dawk li jfasslu l-politika.

# X'INHU L-VALUR MIŻJUD?




Huwa probabbli ħafna li l-implimentazzjonijiet u l-esperjenzi ser ivarjaw minn organizzazzjoni għal organizzazzjoni u bejn l-Istati Membri. Hija r-responsabbiltà ta' CoE li jiġbor dawn it-tagħlimiet meħuda u jadatta, jekk meħtieġ, il-prodotti DRIVER+ rispettivi għall-kuntesti organizzazzjonali u/jew nazzjonali. Il-qsim ta' dawn l-esperjenzi u t-tagħlimiet meħuda fi ħdan in-netwerk pan-Ewropew ta' CoEs, huwa kruċjali. Imbagħad biss ikunu jistgħu jinkisbu u jitjiebu aktar il-fehim kondiviż fl-immaniġġjar ta' kriżijiet u approċċ kondiviż fl-iżvilupp tal-kapaċitajiet tal-prattikanti.

Meta ssir Centre of Expertise, dan ser isaħħaħ il-pożizzjoni avangardista tiegħek fl-ekosistema tal-immaniġġjar ta' kriżijiet u tat-tnaqqis tar-riskju ta' diżastri, kemm fil-livell nazzjonali kif ukoll dak internazzjonali. Dan ser iżid il-viżibbiltà tal-organizzazzjoni tiegħek fil-livell tal-UE bħala adottant bikri li joffri innovazzjoni fl-immaniġġjar ta' kriżijiet.

Permezz ta' dan, inti tista' tespandi u ssaħħaħ il-portafoll ta' servizzi li diġà toffri, pereżempju billi taqsam it-tagħlimiet meħuda u ttejjeb it-trasferiment tal-għarfien bejn il-prattikanti u l-organizzazzjonijiet tar-riċerka. Dan jista' jgħin fl-iżvilupp ta' programmi ta' taħriġ ġodda u fit-titjib tal-kurrikuli, kif ukoll fil-produzzjoni ta' rakkomandazzjonijiet ċari għal dawk li jfasslu l-politika dwar il-ħtiġijiet ta' programmazzjoni tar-riċerka u ta' finanzjament speċifiku.

It-tim DRIVER+ żviluppa sett ta' għodod biex jappoġġjawk fil-valutazzjoni konġunta tar-rekwiżiti biex issir CoE, skont liema (kombinazzjoni ta') outputs tixtieq tadotta.

Niżżel is-sett ta' għodod u ħejji
lill-organizzazzjoni tiegħek:

**https://www.driver-project.eu/centres-of-expertise-coe/**

Jekk għandek xi mistoqsijiet, jekk jogħġbok
ikkuntattjana fuq **coordination@projectdriver.eu**

driver-project.eu

**Aktar informazzjoni dwar il-proġett**
coordination@projectdriver.eu

driver+

Driving Innovation in Crisis Management for European Resilience